**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 67/2023**

**26 ta' Diċembru 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (D.S.E.) *Online* |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

**Assenti**

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**67.01 Talba**

67.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**67.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

66.02.01 Id-D.S.E. informa li ma konniex irċivejna ittri ta' apologiji.

**67.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 66-23**

67.03.01 Id-D.S.E. informa li minħabba nċident li kellu dan l-aħħar ma kienx f'pożizzjoni li jipprepara l-Minuti tal-aħħar laqgħa u għalhekk talab sabiex dawn jiġu mressqa fil-laqgħa li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**67.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.04.01 Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri sabiex jagħtu l-awguri tagħhom fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied 2023.

67.04.02 Il-Kunsilliera D'Amato qalet li f'dawn il-jiem speċjali hija tagħti l-awguri lir-residenti ta' Santa Luċija kif ukoll lil-membri u staff tal-Kunsill.

67.04.03 Il-Viċi Sindku ingħaqad mal-Kunsilliera D'Amato fl-awguri għal dawn il-jiem u tenna li għalih din is-sena hija speċjali għaliex qed jiċċelebra t-30 sena fil-Kunsilli Lokali u hija esperjenza li ma jibdilha ma xejn.

67.04.04 Is-Sindku ngħaqdet mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato fejn irringrazzjathom għall-ħidma tagħhom u awgurat il-festi t-tajba lir-residenti ta' Santa Lucija u lil-ħaddiema tal-Kunsill, kemm dawk li jaħdmu fuq barra kif ukoll l-istaff amministrattiv. Hija ħeġġet lir-residenti sabiex ikunu ġenerużi billi jagħtu donazzjoni b'risq l-Istrina għal dawk inqas ixxurtjati.

**67.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

67.05.01 Id-D.S.E. informa li ma kienx hemm mistoqsijiet.

**67.06 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024 (Draft)**

67.07.01 Id-D.S.E. ta' dettalji fiż-żieda fl-allokazzjoni kif ukoll fiż-żieda fit-*tipping f*ees eċċ. Il-verżjoni finali issa tinħadem mill-*accountants* tal-Kunsill. L-estimi kif ippreżentati ġew approvati unanimament.

**67.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 67/23**

67.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti 67/23 ġiet approvata unanimament.

**67.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-5:50 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 29 ta' Jannar 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 29 ta' Jannar 2024.**

| | |
|---|---|
| **iFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Fabian Mizzi** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |